

Brussell, 1 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

12617/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0334 (NLE)

FISC 382
ECOFIN 853

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Settembru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 652 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-Ir-Renju Unit japplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 652 final.

Mehmuż: COM(2018) 652 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.9.2018
COM(2018) 652 final

2018/0334 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lir-Renju Unit japplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva tal-VAT"), il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru sabiex japplika miżuri speċjali li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jippreveni ċerti tipi ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-27 ta' April 2018, ir-Renju Unit talab awtorizzazzjoni biex ikompli japplika miżura li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva tal-VAT. Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra permezz ta' ittra datata l-11 ta' Ġunju 2018 bit-talba li għamel ir-Renju Unit. B'ittra datata t-12 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni għarrfet lir-Renju Unit li kellha l-informazzjoni kollha li tqis meħtieġa biex tivvaluta t-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

L-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-VAT jipprevedi li persuna taxxabbli hija intitolata li tnaqqas il-VAT dovuta minn fuq ix-xiri li jsir għall-skopijiet ta' tranżazzjonijiet taxxabbli. L-Artikolu 16 tal-istess Direttiva jitlob li l-applikazzjoni minn persuna taxxabbli ta' merkanzija li tiffirma parti mill-assi tan-negozju tagħha għall-użu privat tagħha jew tal-persunal tagħha, titqies bħala provvista bi ħlas, fejn il-VAT fuq dik il-merkanzija jew il-partijiet komponenti tagħha kienet deduċibbli kollha jew parti minnha. Din is-sistema tippermetti l-irkupru tal-VAT li tkun tnaqqset fil-bidu b'rabta mal-użu privat.

Fil-każ ta' karozzi tal-kumpaniji li jintużaw parzjalment għal skopijiet privati (mhux kummerċjali), ta' sikwit ma jkunx faċli li wieħed jikkalkula u jintaxxa n-nefqa marbuta mal-użu privat skont ir-regoli msemmija hawn fuq.

F'dan il-kuntest, ir-Renju Unit kien jopera skema speċjali ta' tassazzjoni b'rata fissa għall-użu privat, awtorizzata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/356/KEE tal-21 ta' Lulju 1986 li tawtorizza lir-Renju Unit biex japplika miżuri ta' rata fissa għall-VAT mhux deduċibbli fuq l-infiq għall-fjuwil għall-karozzi tal-kumpaniji¹, li kienet ibbażata fuq il-kapaċità tal-magna u t-tip ta' fjuwil tal-karozza.

Din id-deroga oriġinali tħassret u ġiet sostitwita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/659/KE tal-25 ta' Settembru 2006 li tawtorizza lir-Renju Unit biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 5(6) u 11(A)(1)(b) tad-Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq it-turnover², li tintroduċi taxxa b'rata fissa fuq l-użu privat abbażi tal-klassifikazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ tal-karozza. Din l-aħħar Deċiżjoni tal-Kunsill ġiet min-naħa tagħha sostitwita bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2109 tas-17 ta' Novembru 2015³ li ser tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018.

L-iskema hija bbażata fuq il-fatt li hemm relazzjoni diretta bejn l-emissjonijiet u l-ammont ta' fjuwil ikkunsmat, billi konsum ikbar tal-fjuwil jikkorrispondi ma' iktar emissjonijiet. Il-konsum tal-fjuwil għal kull kilometru jiġi kkalkulat abbażi ta' dawn il-klassifikazzjonijiet tal-emissjonijiet, imbagħad jiġi kkombinat mal-kilometraġġ medju ta' użu privat, iddeterminat abbażi ta' *data* fiskali diretta u l-prezz bl-immnut tal-fjuwil għat-trasport bit-triq. Dan iwassal

¹ GÜ L 212, 2.8.1986, p. 35.

² GÜ L 272, 3.10.2006, p. 15.

³ GÜ L 305, 21.11.2015, p. 49-50.

għal ħlas għall-użu privat li jikkorrispondi mal-ammont ta' VAT dovuta fuq l-użu privat tal-vettura. Is-sistema hija fakultattiva għall-persuni taxxabli li jistgħu jagħżlu li ma jirkuprawx il-VAT fuq il-fjuwil tagħhom.

Kif mitlub mill-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/2109, ir-Renju Unit ressaq rapport lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament tal-miżura li tidderoga. Skont ir-Renju Unit, din is-sistema ħadmet b'mod preċiż u wasslet għal simplifikazzjoni sostanzjali, kemm għan-negozji kif ukoll għall-amministrazzjoni tat-taxxa. Ir-Renju Unit jiddikjara wkoll li huwa jagħti ċertezza legali lill-persuni taxxabli billi jipprovdli metodu simplifikat li jista' tintuża biex titqies il-VAT fuq l-użu privat ta' fjuwil.

Fuq din il-bażi, ir-Renju Unit talab għal awtorizzazzjoni biex l-applikazzjoni tad-deroga titkompla sal-31 ta' Diċembru 2020.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-Artikolu 176 tad-Direttiva tal-VAT jistipula li l-Kunsill għandu jiddetermina n-nefqa li minnha ma tistax titnaqqas il-VAT. Sakemm dan iseħħ, huwa jawtorizza lill-Istati Membri jkomplu japplikaw l-esklużjonijiet stabbiliti fl-1 ta' Jannar 1979. Għaldaqstant, hemm għadd ta' dispożizzjonijiet ta' waqfien totali li jirrestrinġu d-dritt għal tnaqqis tal-VAT b'rabta mal-karozzi tal-passiġġieri.

Minkejja l-inizjattivi preċedenti biex jiġu stabbiliti regoli li skonhom il-kategoriji tan-nefqa jistgħu jkunu soġġetti għal restrizzjoni fuq id-dritt għal tnaqqis⁴, din id-deroga hija xierqa fl-istennija tal-armonizzazzjoni ta' dawn ir-regoli fil-livell tal-UE.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Meta wieħed iqis id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata l-proposta, il-proposta tidħol fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru fuq talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan mixtieq, jiġifieri li tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-ġbir tal-VAT. Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jiġi ssimplifikat il-ġbir tal-VAT f'settur speċifiku.

Is-sistema tibqa' fakultattiva għall-persuni taxxabli.

- **Għażla tal-istrument**

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, deroga mir-regoli komuni tal-VAT hija possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi unanimament fuq proposta tal-Kummissjoni.

⁴ KUMM(2004) 728 final - Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KEE bl-għan li jiġu ssimplifikati l-obbligazzjonijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU C 24, 29.1.2005, p. 10) irtirata fil-21 ta' Mejju 2014 (ĠU C 153, 21. 05. 2014, p. 3)

Barra minn hekk, Deċiżjoni tal-Kunsill hija l-aktar strument adattat billi tista' tiġi indirizzata lil Stati Membri individwali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta hija bbażata fuq talba li saret mir-Renju Unit u tikkonċerna biss lil dan l-Istat Membru.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Id-Deċiżjoni proposta timmira li tissimplifika l-ġbir tal-VAT b'rabta man-nefqa tal-fjuwil għall-vetturi tal-kumpaniji li jintużaw parzjalment għal skopijiet mhux kummerċjali u, għalhekk, għandha impatt potenzjali pożittiv.

Għall-persuni taxxabbli li jagħżlu li jużaw din is-sistema, din id-Deċiżjoni tnaqqas il-piż amministrattiv u l-ispejjeż tal-konformità billi tneħħi l-bżonn li jinżammu rekords dettaljati tal-kilometraġġ ta' kull karozza tal-kumpanija għal skopijiet tal-VAT. Rekwiżiti bħal dawn għaż-żamma tar-rekords aktarx jirrikjedu ħafna ħin u ta' sikwit jimponu piż amministrattiv sinifikanti għal ammonti relattivament żgħir ta' taxxa. Il-metodu tas-simplifikazzjoni jnaqqas ukoll il-piżijiet għall-awtoritajiet tat-taxxa li kieku kien ikollhom jivverifikaw ħafna sitwazzjonijiet individwali.

Madankollu, minħabba l-kamp ta' applikazzjoni ristrett tad-deroga u l-applikazzjoni limitata fiż-żmien, f'kull każ l-impatt se jkun limitat.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITITARJI

Il-proposta mhi se jkollha l-ebda implikazzjoni negattiva għall-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

Il-proposta tinkludi klawżola ta' estinzjoni; skadenza awtomatika stabbilita għall-31 ta' Diċembru 2020.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lir-Renju Unit japplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/659/KE² awtorizzat lir-Renju Unit biex japplika miżuri speċjali ta' simplifikazzjoni sabiex, abbażi ta' rata fissa, jiddetermina l-proporzjon tat-taxxa fuq il-valur miżjud (il-VAT) mhux deduċibbli marbut mal-infiq tal-fjuwil għall-vetturi kummerċjali li ma jintużawx esklussivament għal skopijiet kummerċjali. Is-sistema, li hija fakultattiva għall-persuni taxxabli, hija bbażata fuq il-livell tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju (CO₂) mill-karozza, peress li hemm korrelazzjoni proporzjonali bejn l-emissjonijiet u l-konsum tal-fjuwil u, għalhekk, mal-infiq fuq il-fjuwil.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/659/KE ġiet sostitwita bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2109³ li ser tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018.
- (3) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fis-27 ta' April 2018, ir-Renju Unit talab l-awtorizzazzjoni biex ikompli japplika l-miżura sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (4) Il-Kummissjoni għaddiet it-talba li saret mir-Renju Unit lil Stati Membri oħra permezz ta' ittra datata l-11 ta' Ġunju 2018. B'ittra datata t-12 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni għarrfet lir-Renju Unit li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.
- (5) Kif mitlub mill-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2109, ir-Renju Unit ressaq rapport dwar il-funzjonament tal-miżura speċjali. Skont ir-Renju Unit, l-arranġament effettivament wassal għas-simplifikazzjoni tal-proċedura għall-ġbir tal-VAT f'rabta mal-infiq għall-fjuwil għall-karozzi kummerċjali, u dan kemm għall-persuni taxxabli kif ukoll għall-amministrazzjoni tat-taxxa.

¹ [ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.](#)

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/659/KE tal-25 ta' Settembru 2006 li tawtorizza lir-Renju Unit biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 5(6) u 11(A)(1)(b) tad-Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq it-turnover (OJ L 272, 3.10.2006, p. 15).

³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2109 tas-17 ta' Novembru 2015 li tawtorizza lir-Renju Unit biex japplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 26(1)(a), 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 305, 21.11.2015, p. 49).

- (6) Għalhekk, jixraq li r-Renju Unit jiġi awtorizzat japplika l-miżura sal-31 ta' Diċembru 2020. Madankollu, ta' min wieħed jinnota li fid-29 ta' Marzu 2017 ir-Renju Unit innotifika l-intenzjoni tiegħu li jitlaq mill-Unjoni, skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jimplika li, sakemm ftehim dwar il-ħruġ irratifikat bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit ma jstabilixxix data oħra, il-liġi primarja u sekondarja kollha tal-Unjoni tieqaf tapplika għar-Renju Unit fit-30 ta' Marzu 2019, 00:00H (CET) ("id-data tal-ħruġ"). F'dan il-każ din id-Deċiżjoni bl-istess mod tieqaf milli jkollha effett.
- (7) Il-miżura li tidderoga mhu se jkollha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Renju Unit huwa awtorizzat, mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2020, li jiffissa fuq bażi ta' rata fissa l-proporzjon tat-taxxa fuq il-valur miżjud relatata mal-infiq għall-fjuwil użat għal skopijiet privati għall-karozzi kummerċjali.

Artikolu 2

Il-proporzjon tat-taxxa msemmi fl-Artikolu 1 għandu jiġi espress f'ammonti fissi, stabbiliti fuq il-bażi tal-livell ta' emissjonijiet tas-CO₂ tat-tip ta' vettura, li jirriflettu l-konsum tal-fjuwil. Ir-Renju Unit għandu jaġġusta dawn l-ammonti fissi annwalment biex jirrifletti l-bidliet fil-kost medju tal-fjuwil.

Artikolu 3

Is-sistema stabbilita fuq il-bażi ta' din id-Direttiva għandha tkun fakultattiva għall-persuni taxxabbli.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President